**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Spiteri)**
**(Spettur Matthew Spagnol)**
**Vs**

**Ali Muftah**

Illum 23 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ali Muftah, 23 sena, iben Sasi u Hania nee' Mohammed Salem, imwieled il-Libja nhar it-18 ta' Awwissu, 1991, residenti Hal Far Open Centre, Numru tal-Pulizija 17238-14 talli:

Fil-lejl ta' bejn it-08 ta' Lulju, 2015 u d-09 ta' Lulju, 2015, minn gewwa l-istabbiliment mghammar bl-isem ta' 'Hugo's Terrace', li jinsab fi Triq id-Dragunara San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' basket tal-karti li kien fih rigali b'valur ta' €100 u serq ta' portmoni li kien fih €25.00 fi flus kontanti, liema serq huwa aggravate bil-vjolenza u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Charmaine Buhagiar u jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta (mqass) minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma (Art 6 Kap 480 Att Dwar l-Armi)

U aktar talli fid-09 ta' Lulju, 2015 gewwa GHQ Lock-up (post ta' detenzjoni) u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, b'diversi atti

maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

3. Kellu fil-pussess tiehu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kkommetta delitt ta' natura volontarja, punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' tnax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin moghtija lilu mill-Magistrat Dr A. Demicoli LL.D nhar l-13 ta' Gunju 2014;

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr A. Bugeja LL.D fit-02 ta' Frar, 2015 u dan taht garanzija personali ta' €2,500 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

6. U aktar talli b'hekk rrenda ruhu recediv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u dan bi ksur ta' Artiklu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Ali Muftah. Kif ukoll tordna li s-somma hawn fuq indikata bhala garanzija personali tghaddi favor il-Gvern ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni  u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni fis-seduta tallum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-Prosekuzzjoni rtirat l-aggravju tal-vjolena fl-ewwel imputazzjoni; kif ukoll iddikjarat li nkwantu ghar-raba' imputazzjoni s-sentenza sospiza diga' ddahlet fis-sehh.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi tal-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravju tal-vjolenza fl-ewwel imputazzjoni u tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 261(f), 270, 49, 50, 289 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll artikoli 8(a) 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €116.47.

Inoltre' tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka contrario imperio tad-digriet tal-helsien tat-2 ta' Frar, 2015 u ghalhekk tordna r-riarrest tieghu u tordna l-konfiska tal-garanzija personali ta' €2,500 imposta bid-digriet tat-2 ta' Frar, 2015.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat